# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-5 ta' Dicembru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 242/2022 CL

**Helen Bugeja ( KI nru 334584M)**

**VERSUS**

**Clint Ghigo**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-17 ta' Awwissu 2022 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jigi ikkundanat jhallas is-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500), bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali bin-numru 1572/2022 u bl-imghax legali mit-28 ta' Gunju 2022, mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.L-konvenut kien ingunt in subizzjoni. L-attrici kienet kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' €1,500 rapprezentanti bilanc minn somma akbar li giet mislufa *brevi manu* mill-attrici lill-konvenut. Peress illii l-konvenut, ghalkemm interpellat sabiex ihallas, u minkejja li pprometta l-hlas, naqas ghal kollox milli jadempixxi d-dmir tieghu li jrodd lura dak misluf lilu mill-attrici.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu (jew xi difensur ghalih) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Fil-konfront tal-konvenut gie prezentant kapitolu mill-attrici waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2022[1]. Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, tat-2 ta' Novembru 2022, peress li l-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex jwiegeb ghal tali kapitolu. Fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[2] illi

---

[1] Kapitolu a foll.8

[2] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998

“din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta’ non-kontestazzjoni – ta’ l-istess konvenut.”

Fis 26 ta’ Ottubru 2022 xehdet Helen Bugeja, fejn ikkonfermat illi kienet selfet lil-konvenut is-somma ta’ elfen euro (€2000), u fuq perjodu ta’ tlett snin kien hallasha €500 u kien baqa’ €1500 pendenti.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi, “Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.”

Il-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, “Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.”

Minn qari ta’ din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma’ lill-parti mharrka f’kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta’ l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex isseh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenzi sussegwenti meta kien imsejjah ghas-subizzjoni. Tali konvenut ghalhekk, kien fi stat ta’ kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, fl-udjenza tas-26 ta’ Ottubru, 2022. Mid-dokumenti li gew ipprezentati kif ukoll ix-xhieda ta’ Helen Bugejja it-Tribunal jara li s-socjeta attrici irnexielha tipprova t-talba taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba tal-attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas lill-istess attrici s-somma ta’ elf u hames mitt euro (€1,500), bl-imghaxijiet bir-rata ta’ 8% fis-sena mis-17 ta’ Awwissu 2022[3] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma’ dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[3]Data ta’ meta gietipprezentata l-kawza stante li kopja tal-ittra ufficjali bin-numru 1572/22 ma tirrizutax mill-atti.